# IL-Huttafa

Il-Magażin ta' Klabb Huttaf

Settembru Ottubru 1999
Numru 34


BirdLife MALTA
L-Għaqda għall-Għasafar



Għall-Kbar Biss!
p4

Għall-Għadira!
p7

Għal min iħobb l-għasafar!
p9











Denis Cachia

## Daqquqa Kaħla

karta riċiklata

editorjal



# Huttaf

M'ilux kien hemm wieħed qalli: **"Intom tal-BirdLife taħsbu li intom xi ħaġa."**

Jien kont diġà se nibda nxammar il-komma, għax ma niflaħx min imaqdar lill-Għaqda għażiża tagħna. Imma kkalmajt u staqsejtu għaliex. U qalli:

"U dan kif hemm xi għasafar tista' taqbadhom u oħrajn kontra l-liġi li taqbadhom? Mela l-għasafar mhux kollha jiddejqu fil-gaġġa, u mhux kollha jweġġgħu jekk tisparalhom?"



"Allura l-BirdLife x'għandha x'taqsam?" għedtlu, "il-liġijiet mhux il-BirdLife tagħmilhom."

Weġibni: "Għax intom taqblu li jinqabad il-verdun, u taqblu li jisparaw fuq il-gamiem!"

Miskin kemm kien sejjer żball.

**Aħna ma naqblu ma' l-EBDA qbid u ma' l-EBDA qtil ta' EBDA għasfur.** L-għasafar, kbar u żgħar, komuni jew rari, kuluriti jew mhux, kollha jixirqilhom li jgħixu ħielsa, u l-BirdLife taqbeż għalihom kollha.

Veru li hemm xi għasafar li l-liġi tgħidlek li tista' taqbadhom jew toqtolhom, imma dan xorta ħażin. Xorta tbatija jħoss sponsun fix-xbiek u fil-gabjetta u fil-guva. Xorta uġigħ iħoss malvizz meta jolqtu ċ-ċomb jaħraq tas-senter. Dawn l-affarijiet il-BirdLife ma taħmilhomx u tikkundannahom.

Imma b'xorti ħażina għad hawn wisq nies li jħobbu jaħqru n-natura. L-insib u l-kaċċa huma kollha moħqrija bla bżonn. **U tant saret moda din il-moħqrija li anke l-liġi tħallik taħqar xi annimali.** X'mistħija hux! Kemm għadna lura!

Imsomma, lir-raġel spjegajtu dan kollu, fehemni, qalli ċaw u telaq. Ġimgħa wara sirt naf li daħal membru magħna!!!!!

Mela mn'Alla ma komplejtx inxammar dakinhar li kellimni! U wara kollox, ma kellix x'inxammar, għax kien is-sajf u kont bil-kmiem qosra!




**Victor**

**Victor Falzon**
**Editur**

## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| **Editorjal** | **paġ 2** |
| **Aħbarijiet ta' Malta** | **paġ 3** |
| **X'għandna mid-Dinja?** | **paġ 4** |
| **Kompetizzjoni 34** | **paġ 4** |
| **Nittrumbjaw fuq..Ta' l-Għana** | **paġ 5** |
| **Ittri** | **paġ 6** |
| **Attività** | **paġ 7** |
| **Taf għaliex?** | **paġ 7** |
| **Gallerija** | **paġ 8** |
| **Ktieb Ġdid** | **paġ 9** |
| **Enerġija (1)** | **paġ 10** |
| **Huttafa tas-Sena** | **paġ 11** |
| **Daħħal Membru** | **paġ 11** |
| **BirdFest** | **paġ 12** |




**Għerq Sinjur**
Malta Fungus

## Ritratt ta' Quddiem

### Daqquqa Kaħla

Cuckoo *Cuculus canorus*

Kulħadd sema' bih dan l-għasfur, anke min ma jinteressawhx l-għasafar. Naturalment, kollu tort ta' l-arloġġ tal-kukù! Fil-fatt id-Daqquqa Kaħla veru tagħmel dak il-ħoss, speċjalment fir-rebbiegħa. F'Malta dan l-għasfur narawh fiż-żewġ pases, l-aktar fir-rebbiegħa. U kultant, kmieni filgħodu, tista' tisimgħu wkoll!

**Working Group ta' Klabb Huttaf**

Jason Aloisio (il-kapo!), Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Chris Pulis, Justin Vassallo.

Klabb Huttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, lejliet kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin Il-Huttafa kull xahrejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fil-Klabb hija Lm1.50 fis-sena.

**Publikazzjoni BirdLife Malta**
**57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12**
**Tel 347646 Fax 343239 email blm@orbit.net.mt**
**web http://www.waldonet.net.mt/birdlife/**
Materjal mill-Huttafa jista' jiġi kkupjat dment li jissemma' isem il-magażin u tintbagħat kopja tal-materjal lil Klabb Huttaf fl-indirizz t'hawn fuq.
Stampat għand Poulton's Print Shop, Settembru 1999

ahbarijiet

BirdLife Malta Pictures



Kwakka feruta

# Kwakk! Kwakk! Bumm! Bumm!

Nhar is-Sibt 11 Settembru, kmieni filgħodu fil-Buskett, qatgħa ta' 47 **Kwakka** (night heron *Nycticorax nycticorax*) inqalgħet mis-siġar biex tkompli l-vjaġġ lejn l-Afrika.

Imma b'xorti ħażina, il-Buskett kien mimli kaċċaturi. F'kemm trodd salib qamet gwerra ta' sparar, u nqatlu mill-inqas 40 kwakka!

Il-Buskett **suppost** huwa santwarju, u l-Kwakka **suppost** għasfur protett! Imma x'jimpurtahom...



## X'għandna mid-Dinja!

### Deheb Mitluf!

Jidher li d-dinja tilfet annimal ieħor tal-ġenn. Dan huwa l-**Golden Toad**, żrinġ oranġjo li kien jgħix biss fil-foresti umdi tal-Costa Rica, u mkien iżjed.

Ħadd ma jaf eżatt għaliex, imma jidher li l-klima fl-inħawi qiegħda ftit ftit tinxef. U t-tort ta' dan huwa d-dħaħen li l-bniedem qed jarmi fl-arja.





### Il-volpi għandu ċans!

L-Ingliżi jħobbuha ħafna n-natura, imma hemm skoss minnhom għadhom iffissati bil-*fox-hunting*. Imorru għall-kaċċa tal-**Volpi** (red fox) biż-żwiemel u b'ħafna klieb, u meta jaqbdu l-volpi, il-klieb iqattgħuh biċċiet! Ħafna Ingliżi stess ma jaħmluhx il-*fox-hunting*, u kultant il-gvern Ingliż jipprova jgħaddi liġi biex jaqta' dan l-"isport". Kollu għalxejn.

Imma issa l-parlament Skoċċiż jidher deċiż li jaqta' dil-moħqrija fi Scotland. Jekk tgħaddi l-liġi, il-*fox-hunting* fi Scotland isir kontra l-liġi mis-sena d-dieħla. U j'Alla jieħdu l-istess eżempju England u Wales.

Minn ritratti riċenti tas-satellita, jidher li fil-foresta Amażon ġol-Brażil biss hemm jaqbdu mal-31,000 nar separat.



L-iSpanjoli ffissati bil-bullfights, u jqisuh l-isport nazzjonali tagħhom. Imma ftit ilu l-kbarat ta' Cataluña (reġjun fi Spanja) qatgħuha li dan l-isport kattiv jista' jimpressjona lit-tfal. Għalhekk ħarġu liġi li t-tfal ma jistgħux jattendu aktar din il-moħqrija. **L-iSpanjoli qed jindunaw li l-bullfights mhumiex ħlief spettaklu ta' kattiverija mill-bidu sa l-aħħar.** Nistennew reġjuni oħrajn fi Spanja jagħmlu bħal Cataluña. Nittamaw li xi darba l-bullfights jinqatgħu għal kollox!




# Kompetizzjoni 34

*Norman Chetcuti (Stormin' Normin)*



Kull ma tridu tagħmlu did-darba huwa li tqassmu dil-lista ta' għasafar fit-tisliba. Ejja, mhix tqila. Imbagħad ibagħtu kopja tagħha (*mhux* l-oriġinali: tqattgħux il-Ħuttafa) lil:




**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Rigord**
**Ta' Xbiex MSD 12**



ajkla • bufula • daqquqa • gamiema • ħawwiefa • ħuttafa • kuċċarda • margun • merill • monakella • pluviera • russett • seqer • silfjun • tudun

Tinsewx isimkom u l-indirizz, u ċans għandkom sa l-**20 Ottubru 1999**. Ir-rebbieħ jingħata **KTIEB DWAR L-GĦASAFAR.**

Ir-rebbieħ ta' KOMPETIZZJONI 33 huwa **Gary Pace** mir- **Raħal Ġdid**. Gary jista' jmur jiġbor il-ktieb li rebaħ miċ-Ċentru BirdLife f'Ta' Xbiex, mit-Tnejn sal-Ġimgħa (9am-12.00). Importanti li jieħu miegħu t-tessera (il-membership card). L-10 pjanti moħbija kienu **Ċfolloq, Silla, Kappara, Narċis, Għolliq, Pankrazju, Fidloqqom, Kaħwiela, Liftija** u **Erika.**




# Ta' l-Għana

Mark Falzon

**Ottubru u Novembru huma l-aħjar żmien biex wieħed josserva l-Għasafar ta' l-Għana (finches).**

Dawn huma kollha qishom daqs Għasfur tal-Bejt u għandhom titjira mqawsa. Peress li ħafna minnhom ipassu minn fuq il-Gżejjer Maltin mingħajr ma jieqfu, it-tisfira hi importanti biex wieħed jagħrafhom. Kull speċi għandha **tisfira partikolari** li tagħrafha minn speċi oħra. L-aħjar sistema ta' berdwoċing għall-għasafar ta' l-għana hi li wieħed joqgħod f'xi post għoli jħares għal fuq is-siġar - il-Buskett huwa idejali għal dan. Gajd huwa essenzjali, speċjalment biex wieħed jitgħallem jagħraf it-tisfiriet.

F'Malta naraw seba' speċi ta' għasafar ta' l-Għana. Il-**Verdun**, l-i**Sponsun**, il-**Ġojjin** u l-**Apparell** huma pjuttost komuni, filwaqt li l-**Ekru**, il-**Gardell** u **Taż-Żebbuġ** huma aktar skarsi. Jistgħu jidhru kullimkien, imma l-aħjar postijiet biex wieħed josservahom fil-kwiet huma l-**ġonna publiċi ta' San Anton**. Postijiet b'siġar kbar bħall-Buskett u l-Miżieb ukoll jiġbdu lejhom ħafna għasafar ta' l-għana. Ħafna drabi ssibhom fi qtajja' żgħar fil-qċaċet tas-siġar, imma spiss jinżlu jieklu ż-żrieragħ u xi insetti rqaq mill-art. L-iSponsun, per eżempju, iħobb jimxi (mhux jaqbeż bħall-Għasfur tal-Bejt) huwa u jfittex l-ikel. L-għasafar ta' l-għana jpassu minn Ottubru sa Diċembru, u wħud jibqgħu magħna matul ix-xitwa. Minn żmien għal żmien ikun hemm pases ta' għasafar ta' l-għana bejn Jannar u Marzu wkoll. Interessanti l-fatt li filgħaxija matul ix-xhur tax-xitwa qtajja' ta' għasafar ta' l-għana jidħlu jorqdu fis-siġar kbar li hemm fil-Belt u l-Furjana. L-aħjar post biex wieħed jarahom deħlin huwa l-ġnien ta' l-Argotti fil-Furjana.




Kull sena numru ta' pari ta' l-għasafar ta' l-għana **jippruvaw ibejtu f'pajjiżna**. L-iSponsun u l-Ġojjin ibejtu kull sena, u ġieli bejtu wkoll il-Verdun, il-Gardell, l-Ekru u l-Apparell. Barra minn Malta, l-għasafar ta' l-għana ssibhom ibejtu fil-ġonna ftit metri biss 'il bogħod mid-djar. Tant jgħannu sabiħ li n-nies jitpaxxew b'dak li jissejjaħ id-"dawn chorus" - litteralment kor ta' għanjiet hekk kif jisbaħ, li jgħinek tqum b'burdata tajba!

Sfortunatament, in-**nassaba Maltin jagħmlu ħerba** mill-għasafar ta' l-għana. Morru mixja x'imkien bħall-iMtaħleb jew Ta' Ċenċ, u ħlief imnasab wieħed ħdejn l-ieħor ma tarawx.




Numru kbir mill-għasafar li jinqabdu, **imutu wara ftit bil-ġuħ jew bil-qatgħa**. L-oħrajn jgħixu ħajja miżerabbli f'xi guva jew, agħar, f'xi gabjetta fejn bilkemm ikunu jistgħu jiċċaqalqu. Donnu saret moda li l-irġiel imorru sal-pjazza bil-gabjetta b'xi Verdun jew Gardell f'idejhom jew taħt abthom. Dawn mhumiex "pets", imma għasafar li darba kellhom il-libertà li jittajru ħielsa.

**Sakemm tieqaf din l-injoranza, il-Maltin li jħobbu l-ambjent ikollhom joqogħdu mingħajr id-"dawn chorus".**





## Jgħaffġu u joqtlu

Għażiż Editur,

Darba waqt li kont miexja fil-wied rajt xi tfal jgħaffġu l-fjuri. Wara ftit mort qrib għadira - ġo fiha kien hemm xi tadpoles. Bdew jippruvaw jaqbduhom, iżda jien ma ħallejthomx.

Stajt nagħmel xi ħaġa oħra biex ma joqtluhomx?

Therese Attard
Victoria

Għażiża Therese,

Ma tantx stajt tagħmel wisq iżjed. Nifhem kemm tindanna meta tara din il-ħsara u moħqrija.

Għalhekk aħna tal-BirdLife għandna l-Klabb Huttaf, biex kemm jista' jkun nilħqu tfal bħalek u ngħallmuhom kemm hu sew kieku l-bniedem jgħix fil-paċi man-natura, mhux dejjem irid ikissirha u joqtolha qisu l-miġnun.

Nittamaw li xi darba dawn il-vizzji koroh jieqfu darba għal dejjem.

L-Editur



## Iktar berdwoċers!!!

Sur Editur,

Nixtieq nistaqsik jekk tistax tibgħatli ktieb żgħir b'tagħrif fuq l-għasafar Maltin, għax jiena u kuġinuwi morna fuq għolja u qgħadna naraw l-għasafar u bdejna narawhom jieklu, jaqbżu, itiru, isaffru u anke jinħaslu fl-għadajjar. Nixtieq li din l-ittra tidher fil-Huttafa u biex it-tfal jagħmlu iżjed berdwoċing.

Prosit ta' kollox u biex inżid iżjed flus ser nibgħat il-bolli. Grazzi.

Elizabeth Muscat
Mġarr




Għażiża Elizabeth,

Kemm huma interessanti, hux, l-għasafar, meta tarahom jgħixu l-ħajja tagħhom fil-kwiet bla ma jtellifhom ħadd! Jidher li int u kuġinuk għad tkunu berdwoċers akkaniti. Nispera li niltaqgħu fil-ħarġiet. Anzi, imisskom tidħlu fil-Birdwatchers Club, ħalli tgawdu minn iktar ħarġiet apposta għall-berdwoċers tal-BirdLife.

Dwar il-ktieb, b'xortik! Kif tara minn paġna 9 ta' dil-ħarġa, il-BirdLife għadha kemm ħarġet ktieb ġdid jismu "Bil-Bejta" mimli ritratti u tagħrif dwar l-għasafar li mhux biss iżuru pajjiżna, imma anke jrabbu l-familja f'Malta! Jekk jinteressak dan il-ktieb, tista' ċċempel ħalli nibagħtuhulek.

U grazzi tal-bolli!

L-Editur

## Qed ninkwieta!

Sur Editur,

Bgħattlek xi ftit bolli flimkien ma' stampa ta' gamiema għall-Gallerija.

Nixtieq li bħal ta' paġ 3, fejn tkellmet is-siċċa, fuq li sabu/raw fekruna f'Ta' Ċenċ ma tiġix ippubblikata. Grazzi ħafna.

Ryan Bonett
H'Attard




Għażiż Ryan,

Jidher biċ-ċar li tħobbhom l-annimali int (anke d-dar tiegħek għandha isem ta' għasfur!). Inti nkwetajt li l-fekruna joħroġ xi ħadd jaqbadha. Tħabbilx rasek, il-fkieren ma tantx idumu fl-istess post, u minn meta rajniha fil-baħar sa dakinhar li inti qrajt dwarha fil-Huttafa laħqu għaddew xi tliet ġimgħat! Sa dakinhar il-fekruna kellha ċans tgħum sal-Greċja!

Però għandek raġun li trid trid joqgħod attent ħafna x'tgħid u meta tgħidu. Per eżempju, aħna nkunu nixtiequ ngħidulkom aħbar sħuna sħuna li x'imkien qed ibejjet għasfur ġdid jew rari. Imma ma nissugrawx, li ma jmurx xi ħelu jisraqha jew joqtol lill-ġenituri. Għalhekk aħbar bħal din inżommuha sigrieta sakemm il-frieħ ikunu kibru u taru u tekqu!

Bilħaqq, grazzi tal-bolli, u l-gamiema qaltlek li qiegħda fil-kju ta' l-istampi!!

L-Editur




## Iktbulna hawn!



Birdlife Malta
57/28 Triq Rigord
Ta' Xbiex MSD 12



## Se nagħmlu...

# MIXJA maratona




- Se nagħmlu **mixja twila**.
- Se nimxu **mir-Raħal Ġdid sa Birżebbuġa** (ara l-mappa)
- It-triq twila **20km**, imma mhix diffiċli.
- Se tkun **mixja bl-isponsors**.
- Il-flus li niġbru se jgħinuna **nixtru teleskopju**.
- B'dil-mixja se **ngħinu lill-BirdLife**.
- U fl-istess ħin... **se nieħdu pjaċir**.
- **Żgur!**
- Bilħaqq, hemm **skoss premjijiet** x'jintrebħu!

Data: **28 Novembru 1999**
Niltaqgħu: **Pjazza tar-Raħal Ġdid**
Ħin: **9am**
Naslu: **Birżebbuġa**
Ħin: **4pm** (bejn wieħed u ieħor!)
Ġibu: **ilbies** komdu, il-**karta** ta' l-isponsors, xi **flus** li tkunu ġbartu u xi ħaġa x'**tieklu**.
Iġġibux: **Tkaken u toqol.**
Età: **No limits!**







**It-teleskopju nixtiequ nixtruh għar-riserva ta' l-Għadira biex jużah kull min iżur ir-riserva. Mit-teleskopju l-għasafar tarahom ikbar u aħjar.**

# Taf għaliex..?

*Desirée Falzon*

## Taf għaliex il-weraq huwa aħdar?

### Għax mimli klorofilla!

Il-weraq huwa l-fabrika tal-pjanta. Il-weraq fih sustanza li jgħidulha klorofilla. Dis-sustanza qisha magna maġika li tagħmel ħaġa verament ta' l-għaġeb. Il-klorofilla kapaċi tbiddel id-dawl tax-xemx f'zokkor u enerġija. Din l-enerġija l-pjanta għandha bżonnha biex tikber. Il-klorofilla hija ħadra u għalhekk il-weraq jidher aħdar, għax il-qoxra tal-weraq tkun trasparenti.

Jekk tara xi werqa nofsha bajda, nofsha ħadra, għid li dik il-werqa qiegħda taħdem b'nofs magna, għax il-parti l-bajda m'għandhiex klorofilla.



# Gallerija

Anonimu



**Rożinjol**

Elaine Compagno



**Għasfur ta' San Martin**

Nikki Gatt (11)



**Pappagall**

Charles Galea (9)



**Seqer tal-Ħannieqa**

3

Simon Gauci (11)



**Bies**

Philip Agius (14)



**Il-Qerda qed tikber!**

Andrew Galea




Anonimu



**Denfil**

Tpinġix ikbar minn 10x10ċm, uża karta (mhux kartonċina) bajda u tpinġix bil-kulur. Ikteb isem l-annimali jew pjanta u ismek u l-età. Jekk timxi mar-regoli, it-tpinġija tiegħek għad tidher fil-magażin.



# T-Shirts

- ☑ Tliet disinji differenti minn fejn tagħżel
- ☑ T-shirts oriġinali ta' BirdLife Malta
- ☑ Sizes Large, Medium, Small



Lm1.40 biss



Issibhom għall-bejgħ mir-riserva ta' l-Għadira, jew tista' ċċempel 347646 u nibagħtuhulek bil-posta (bil-posta jiġi Lm1.70ċ)


# Ġdid! Ġdid! Ġdid! Ġdid! Ġdid!




- Kulur minn qoxra sa qoxra...
- Ritratti tal-ġenn f'kull faċċata...
- L-aktar ktieb riċenti ta' BirdLife Malta...
- Bil-Malti, miktub sempliċi...
- Kull ma trid tkun taf dwar l-għasafar li jbejtu f'Malta.



Jekk tixtieq kopja ta' dan il-ktieb ċempel lil BirdLife fuq 347646. Jew aqbeż qabża sal-BirdFest (ara paġ 12)

# ENERĠIJA

L-Ewwel Parti

Elisabeth Conrad



**L-enerġija tiġi minn varjetà ta' riżorsi. Hemm żewġ tipi ta' riżorsi: dawk li hemm kwantità limitata tagħhom u dawk li ma jispiċċaw qatt.**

Fost ir-riżorsi limitati, l-aktar importanti huma l-*fossil fuels*, jiġifieri faħam, żejt u gass naturali. Dawn ir-riżorsi kellhom rwol importanti ħafna fl-istorja tal-bniedem. Mingħajrhom ma kinitx tkun possibli r-rivoluzzjoni industrijali u ħafna żvilupp ieħor. Imma llum-il ġurnata **dawn ir-riżorsi qegħdin joħolqu ħafna problemi.**

## Faħam

Il-ħruq tal-faħam qed jikkawża ħafna tniġġis ta' l-arja. Id-dħaħen miċ-ċmieni jikkawża x-**xita aċiduża** u qed **isaħħan l-atmosfera tad-dinja**. Periklu ieħor jinqala' meta l-minjiera tkun f'post viċin xmara, għadira jew baħar: ma tridx wisq biex minn dawn il-minjieri **jnixxu likwidi velenużi** għal ġox-xmajjar. It-tħaffir għall-faħam ukoll joħloq problemi. It-tħaffir fil-wiċċ iħassar l-art u **jkerrah il-pajsaġġ**. Mill-banda l-oħra t-tħaffir għall-faħam taħt il-wiċċ ta' l-art huwa perikoluż għall-ħaddiema u **jirriżulta f'ħafna mwiet**.

## Żejt

Il-ħruq taż-żejt ukoll iżid mat-**tniġġis ta' l-arja**, imma problema aktar serja hija meta ż-żejt ikun qed jinġarr mit-tankers u jnixxi fil-baħar. Diżastru ambjentali kbir jiġri meta jinqaleb u jinqasam xi tanker bil-maltemp, speċjalment meta dan jiġri qrib ix-xatt. Meta jiġri hekk, iż-żejt li jixxerred jiksi u **joħnoq il-ħajja kollha** li tgħix max-xatt: għasafar tal-baħar, foki, ħut, algi, ħniex u dud. L-istess meta jixxerred iż-żejt fuq l-art, din tibqa' mniġġsa anke wara li jitnaddaf iż-żejt li jidher.

## Gass

Il-gass naturali huwa aktar nadif mill-faħam jew miż-żejt, imma xorta waħda ma jagħmlix ġid lill-ambjent, u fil-fatt **dan ukoll iżid mat-tniġġis ta' l-arja**. Ħafna drabi l-gass jinġarr minn post għall-ieħor bil-pajpijiet, u mhix ħaġa rari li jnixxi minn xquq jew difetti fil-pajpijiet.



Fil-Gwerra tal-Golf, fil-Kuwait ixxerrdu eluf ta' tunnellati ta' żejt. Wara l-gwerra dan iż-żejt inġabar mill-art, imma l-ħamrija xorta waħda baqgħet imniġġsa sa 150ċm 'l isfel! U hekk għadha llum.




Barra mill-impatti ambjentali ta' dawn il-*fossil fuels*, hemm ukoll problema oħra: **dawn ir-riżorsi huma limitati u fil-futur se jispiċċaw.** Għalhekk ukoll hemm bżonn li nibdew infittxu li niżviluppaw sorsi ta' enerġija li ma tispiċċa qatt.

*Imma dwar dawn nitkellmu darb'oħra!*

## Il-Ħuttafa tas-Sena

It-tellieqa tkompli, u dawn huma l-ewwel ħmistax...

| | |
|---|---|
| Jurgen Pavanello | 183 |
| Sara Jane Cauchi | 106 |
| Kenneth Cauchi | 100 |
| Marlon Borg | 66 |
| Clayton Borg | 55 |
| Dawn Costa | 52 |
| Alison Gauci | 48 |
| Christian Debono (Fgura) | 46 |
| Karl Farrugia | 46 |
| Alvin Borg | 45 |
| Denise Grima | 45 |
| Arthur Briffa | 41 |
| Matthew Borg Cardona | 40 |
| Mark Busuttil | 37 |
| Denise Kenely | 35 |




# Daħħal MEMBRU fi Klabb Ħuttaf



## u lilek nibagħtulek...

- Tliet pitazzi ta' l-għasafar u
- Stiker bil-kulur ta' għasfur



**Ħajjar** ħbieb, aħwa u kuġini jidħlu fi Klabb Ħuttaf, **tihom** jimlew kopja ta' dil-formola, **imla** isfel id-dettalji tiegħek stess, u **ibgħathomlna**, flimkien mal-Lm1.50ċ tal-membru l-ġdid. Il-pitazzi u l-istiker jaslulek bil-posta f'temp ta' ftit ġranet. **Garanzija!**

**DETTALJI tal-MEMBRU l-ĠDID**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Postcode ______________________

Data tat-Twelid ______________________

Telefon ______________________






**DETTALJI TIEGĦEK STESS**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Postcode ______________________

Telefon ______________________

**TQATTAX IL-MAGAŻIN - HU FOTOKOPJA**

**Ibgħat kollox lil BirdLife Malta - 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**

Tibgħatx flus bil-posta - l-aħjar ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta), Postal Order jew 25 bolla tas-6ċ

BirdLife
MALTA



## BirdLife Malta tistiednek għal

# BirdFest

**Data: Il-Ħadd 3 Ottubru 1999**

**Post: Il-Buskett (taħt it-tinda)**

**Ħin: 10am-6pm**

BirdLife International WORLD BIRDWATCH 1999

**Se jkun hemm: Logħob għat-tfal, birdwatching, bejgħ, ikel, xorb...**



**Dħul b'xejn**

Ħajr Ruġġier Holdings

**Ejja gawdi ġurnata l-Buskett mal-familja**

BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12 Tel 347646 Fax 343239